KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tas-seba (7) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur

## L-Erbgha, 9 ta' Settembru, 2015 fil-5.00 pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Danica Cassar | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tal-ħames (5) laqgha, tat-Tnejn 10 ta' Awissu u tas-sitt (6) laqgħa, tat-Tnejn 17 ta' Awissu 2015, tat-tmien Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Il-proposta tal-familja Vella dwar il-ħajt tal-belvedere fi Triq David Cocco Palmeri. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tagħhom u anki l-proposta li għamel il-Kunsill lill-M.E.PA. Josianne Cutajar innotat li stajna niltaqgħu mal-applikanti biex possibilment insibu kompromess. Hi kompliet li għandna nkunu miftuħin għal kwalunkwe proposta. Is-Sindku nnota li l-Kunsill għamel laqgħa apposta fuq dan is-suġġett biss, u li l-applikanti mhumiex jaċċettaw il-proposta tagħna fil-prinċipju u allura l-ebda laqgħa ma setgħet twassal għal kompromess u talab lill-kunsilliera biex jieħdu posizzjoni. Hu kompla li ma jaqbel mal-ebda tip ta' ħajt. Il-Kunsill reġa iddiskuta dan il-każ għaliex l-applikanti bagħtu ittra oħra lil MEPA, bi proposta ġdida li jinbena ħajt fejn fin-naħa ta' fuq tiegħu jkollu wisa għal xtieli. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk nistgħux nappellaw minn kwalunkwe deċizjoni tal-M.E.P.A. u ġie kkonfermat li nistgħu. Hu kompla li l-problema mhix dak il-belvedere imma dawk kollha li għandna fin-Nadur u għalhekk hu punt ta' prinċipju. Rita Mifsud

innotat li l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni fuq din il-proposta partikulari tal-applikanti, peress li l-Kunsill diġa ħa posizzjoni fuq proposti oħrajn. Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u Rita Mifsud ivvotaw kontra din il-proposta tal-applikant pero qablu li l-Kunsill jibqa miftuħ għal kull proposta bħal ma dejjem kien. Josianne Cutajar ma ħadietx posizzjoni fuq din il-proposta partikulari filwaqt li seħqet li għandna nibqgħu miftuħin li nisimgħu u niddiskutu proposti oħrajn. Michael Camilleri ma ħax posizzjoni fuq il-proposta tal-familja Vella.

b. Il-kors tal-Lifelong Learning (card making) mhux ser isir għaliex applikaw tnejn biss. Is-Sindku staqsa jekk nagħmlux Fitness Classes ma' Radu Gheorghe u Aerobics u Pilates ma' Angie Bonello. Il-Vici Sindku għamilha ċara li għandna niddiskutu l-ħlasijiet sew ma' Angie Bonello għax jemmen li dawn huma aktar milli suppost. Hu ppropona li jekk il-kunsilliera jattendu għal xi wieħed minn dawn il-korsijiet, dawn ma jħallsux; il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

c. Ix-xogħol fi Triq Torri Sopu kważi lest u l-kuntratti ġodda li għadna kif iffirmajna bdew joperaw u qed nirċievu kummenti posittivi dwarhom.

d. Il-wine festival gie mfaħħar minn Delicata. Dwar l-ispejjeż ta' entertainment, dawn ser jinġabru u terz tal-ispiża ser titħallas minn Delicata. Is-Sindku nnota li kien hemm min mar bil-vouchers kumplimentari f'ċertu stands u ġew rifjutati u għalhekk deher ikrah lill-Kunsill. Il-Kunsill ser jieħu nota ta' dawn l-stands għas-sena d-dieħla. L-entertainment kien tajjeb ħafna. Michael Camilleri semma l-skip li kien hemm bżonn jiċċaqlaq u nnotta li dan seta jitneħħa iktar kmieni matul il-ġurnata. Is-Sindku spjega li dan iċċaqlaq minnufih u nnota dan il-kumment għas-sena d-dieħla. Hu nnota li l-dati tal-festival li jmiss huma ippjanati għat-2, 3 u 4 ta' Settembru 2016.

e. Il-pubblikazzjoni tar-rivista Ħidmietna f'Isimkom ser ikollha tistenna għaliex Paul Portelli li għandu s-setting hu ndispost u għalhekk irridu nistennewh.

f. Ix-xogħol fuq il-ħajt tad-Duru tkompla.

g. Il-Ħarġa tal-anzjani tad-19 ta' Settembru 2015 ġiet posposta minħabba Xandriku Fest. Ser nippruvaw norganizzawha f'Ottubru.

h. Is-Sindku nnota li għaż-żjara ta' Cicciano ser nieħdu t-tfal tan-nursery jilgħabu. Hu kompla li filwaqt li aħna ospitajna lir-rappreżentanti tagħhom bl-aħjar mod, il-Kunsill ma tantx kien entużjast li jospitana, forsi anke minħabba l-burokrazija tal-mod kif jitħaddem il-Kunsill tagħhom. Huwa faħħar ħafna lil Carmine Russo tal-għajnuna tiegħu. Huwa pprova li l-Kunsill ta' Cicciano jipprovdilna t-trasport pero bqajna bla risposta. Dwar l-ikel, ha jagħtuna ikla waħda. Hu xorta waħda ser jipprova jsaħħaħ ir-relazzjoni ma' dan il Comune. Is-Sindku kompla li ordna tlett momentos għand Charlie Camilleri bi spiża ta' 70 Ewro; il-Kunsill qabel li jħallas din l-ispiża.

i. Dwar ir-riċerka ta' Triq Fatima, il-Perit Edward Scerri pprovda site-plan sabiex tkun tista' issir.

j. Dwar il-palm tal-belvedere ta' Triq David Cocco Palmieri, ser nerġgħu niċċekkjaw fuqhom mal-kumpanija ELC.

k. Josianne Cutajar staqsiet dwar it-tabella tal-isleeping police fil-bajja ta' Daħlet Qorrot, u anke dwar il-bżonn ta' tabelli dwar slippery u falling rocks; il-Kunsill qabel li dawn jeħlu mal-ħitan. Josianne Cutajar semmiet ukoll biċċa ħadida perikoluza f'Dahlet Qorrot li fuqha kien hemm imwahhla tabella li tqactet. Is-Sindku nnota li ktibna lill-Ministeru għal Għawdex biex ir-rampa ta' Daħlet Qorrot tinħasel b'power washer.

l. Josianne Cutajar baghtet il-link tal-konsultazzjoni pubblika dwar Natura 2000; dan jinkludi diversi punti tekniċi u staqsiet jekk il-Kunsill ghandux jikkonsulta ma' espert tekniku dwar l-areas relevanti ghan-Nadur.

m. Josianne Cutajar semmiet xi ilmenti dwar l-iskips ta' Xurdin. Ser nivverifikaw kemm jiswewna green wardens. Is-Sindku innota li kemm jista jkun, ikun hemm Ivan Xuereb magħhom pero ġieli jkollu xogħol ieħor.

**3. Korrispondenza.**

| | |
|---|---|
| 5348 | Memo 22/2015 fuq Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. Ser naraw jekk nistgħux napplikaw. |
| 5349 | Ittra mingħand il-Mużew tan-Nisa fejn jitolbu kollaborazzjoni finanzjarja. Din ser ser niċċekkjaw dwarha. Il-Kunsill pero qabel li nikkollaboraw. Il-Vici Sindku innota li l-Mużew dis-sena jagħlaq 100 sena. Bħala Kunsill nistgħu nissuġġerixxu li nagħmlu esebizzjoni u possibilment lapida tal-okkażżjoni. Is-Sindku għandu jitkellem mas-Superjura. |
| 5350 | Memo 23/2015 bħala stedina mill-Ministeru għall-Finanzi – Konsultazzjoni ta' qabel il-Bagit 2016. |
| 5351 | Ittra mingħand il-Moviment Kerygma dwar żewġ inizzjattivi Editorjali. |
| 5352 | Memo 20/2015 dwar Pubblikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u Lista ta' Niċeċ fil-Lokalita. Ser naraw jekk Joe Muscat jipprovdilniex l-informazzjoni mitluba. |
| 5353 | Stedina mill-Uffiċju Parrokkjali għall-Public Lecture fil-25 ta' Settembru li ser issir fl-okkażżjoni tal-mitt sena mill-inawgurazzjoni tal-koppla. Irringrazzjawna wkoll tal-għajnuna li tajna fl-Imnarja. |
| 5354 | E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-European Week for Waste Reduction; diga attendejna laqgħa dwarha. |
| 5355 | Ittra mingħand Transport Malta fejn aċċettaw rikjesta għal mera fi Triq San Gwann. |
| 5356 | Programm tad-Dar Dun Frangisk Grima. |
| 5357 | Ittra mingħand il-Perit Alexander Bigeni fejn qed issir talba għal Waste Receptacle for Used Clothes. Il-Kunsill ser jitolbu jissuġġerixxi post alternattiv. |
| 5358 | Il-Programm ta' Interreg Mediterranean – data tal-għeluq ġiet imġedda sat-2 ta' Novembru 2015. |
| 5359 | Ittra mingħand Transport Malta fejn ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għal Communal Un/Loading fi Triq Diċembru 13. |

| | |
|---|---|
| 5360 | E-mail mingħand Joseph Mizzi dwar il-Progett Post 16 Support Programme. Mhux ser naċċettaw li nospitaw l-intervisti għaliex dan jinvolvi perjodu ta' żmien u prezentament is-sala tal-Kunsill qed tintuza wkoll bhala berga. |
| 5361 | E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar Laqgħa Plenarja li ser issir fis-17 ta' Ottubru 2015. |
| 5362 | Ittra mill-MEPA u r-risposta mil-Kunsill Lokali tan-Nadur dwar l-iżvilupp propost ta' ħajt fi Triq David Cocco Palmieri. |
| 5363 | E-mail mingħand Karen Xuereb dwar pjanijiet għal-attivitajiet ippjanati għal-2016. |
| 5364 | E-mail lis-Supretendent Antonello Grech dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Pjazza San Pietru u San Pawl. |
| 5365 | E-mail mingħand ir-Regjun Għawdex dwar il-proġett ambjentali li qed jiġi ppjanat fuq l-Għolja t'Għammar. Il-Kunsill ser jordna sitt siġar. |
| 5366 | Ittra mingħand is-Soċjeta tal-Mużew tan-Nisa biex jintalab permess mill-Kunsill biex tiġi organizzata laqgħa fil-beraħ fi Pjazza 28 t'April 1688. Dan il-permess ser jingħata. |
| 5366(a) | Ittra mill-Banda (Ghaqda Tejatrali) dwar kunċert minn Chorus Urbanus fl-10 ta' Ottubru fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-istaġun tal-opri f'Għawdex. Ser nikkollaboraw permezz ta' 100 Ewro. |
| 5366(b) | Ittra minn Tessie Camilleri dwar bus stop ta' Triq San Gwann. Ser nitolbuha kopja tal-permessi tax-xogħol li ser isir minn naħa tagħhom u nghadduhom lil Transport Malta sabiex tkun tista' tiċċaqlaq il-bus stop. |

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi. B'risposta għal mistoqsija minn Josianne Cutajar, is-Segretarju spjega li dwar il-kontijiet tal-Wasteserve, il-Kunsill dejjem iħallas skont l-allokazzjoni li jirċievi. Hawnhekk, Josianne Cutajar staqsiet dwar it-talbiet tal-bankini. Il-Viċi Sindku innota li għandna nkunu kredibbli dwar it-talbiet li jkollna tal-bankini u għandu jkollna proċedura. Is-Sindku talab lil Kunsill jaċċetta li kull talba tiġi evalwata minnu, jsiru skond il-priorita u kemm tkun sitwazzjoni kritika, u fejn ma hemmx każ jispjega u juri ritratti lil Kunsill stess. Il-Kunsill qabel.

**5. Deċizjoni finali dwar l-offerti pubbliċi tal-provista tal-ilma f'ġonna pubbliċi u *soft areas* u tal-manutensjoni tal-latrina publika fi Triq it-Tramuntana.**

Is-Sindku nnota li dawn il-kuntratti ser jiġu pubblikati din il-ġimgħa. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-ispeċifikazzjonijiet wara li saru xi emendi suggerita mill-Kunsilliera. Dwar assigurazzjoni ser niċċekkjaw mad-Dipartiment.

**6. Attivitajiet relatati ma' Jum il-Kunsill u Halloween.**

Is-Sindku nnota li fl-14 ta' Novembru ser ninawguraw il-proġett tal-pjazza. Dakinhar ser ikollna show tan-nar tal-ajru. Michael Camilleri issuġġerixxa li nistiednu lil Gozo Youth Wind għal inawgurazzjoni. Is-Sindku nnota li laqqa' l-Kunsill taż-Żgħażagħ proprju biex jagħtu ideat għal attivitajiet ta' Jum il-Kunsill. Hu kompla li bħala programm ser ikollna chill out fil-pjazza l-Gimgha 13 ta' Novembru u għoti tad-demm fit-8 ta' Novembru. Suppost għandu jkollna wirja tax-xogħolijiet ta' arti ta' student ta' Hermine Sammut pero għadna bla risposta. Ser norganizzaw harga tal-anzjani fl-10 ta' Novembru. Ser norganizzaw maratona tal-ġiri nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru. Is-Sindku nnota li qed jwaqqaf working group għall-organizzazzjoni tal-Halloween u Jum il-Kunsill. Dan ser ikun immexxi minnu u bħala membri ser ikun hemm il-kunsillier Michael Camilleri, Rupert Grech, Matthew Axiak, Maria Victoria Theuma u Peter Paul Azzopardi. Dawn jistgħu jiżdiedu jekk hemm nies li huma validi għal dan l-iskop.

Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet tal-Halloween ser isiru nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru, pero din trid tiġi diskussa sew. Ser isir promo minn Marie Claire Grima u il-launch tiegħu ser ikun fit-30 ta' Settembru. Paul Mercieca għandu jieħu ħsieb li jagħmel poster. Ser ikollna haunted house u l-grupp Upper Lip ser ikun mistieden biex jagħmel gig fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Ser nagħlqu Triq Diċembru 13 u ser narmawha bid-dawl tal-Halloween. L-attivitajiet tat-tfal jinkludu pumpkin carving u face painting u trick or treat. Il-working group ser jieħu ħsieb jipprepara l-kwotazzjonijiet li jista jkun hemm bzonn.

**7. Proġett Pjazza San Pietru u San Pawl.**

Is-Sindku nnota li l-pagament tal-Miżura 413 għadda għand il-kuntrattur. Hu kompla li llum stess l-aġent segretarju eżekuttiv, il-Perit u l-kuntrattur iltaqgħu u ddiskutew diversi issues fosthom il-claims tal-Miżuri 313 u 413. Il-kanuni ser jitpoġġew fejn kienu qabel. Il-bollards ser ikunu dawk bil-katnazz. Il-kuntrattur tagħna garanzija li sa' dakinhar tal-inawgurazzjoni ix-xogħlijiet ikunu lesti. Is-Sindku nnota li l-kwistjoni mal-GO dwar l-ispejjeż ta' ħsarat ta' 6,000 Ewro qed tiġi diskussa bejn il-kuntrattur u l-kumpanija.

## 8. Charter: Laqghat taz-Zghazagh u tal-Adulti.

Is-Sindku semma li l-Ungerija ser isir ic-Charter taż-Żgħażagħ bejn il-15 u t-18 ta' Ottubru. Hu kompla li Josianne Cutajar u Michael Camilleri ma setgħux jattendu wara li kkuntattjahom qabel żgħażagħ oħra. Għalhekk hu qed jipproponi lil Shaun Azzopardi, Francesca Piscopo, Joseph Attard u Kylie Pace. Josianne Cutajar semmiet illi Michael Camilleri kien interessat li jattendi pero s-Sindku spjega li wara li huwa stess kien ikkuntatja kemm lil Josianne Cutajar u anke lil Michael Camilleri biex jara humiex interessati u jistgħux jattendu, u wara li huma infurmawh li ma kienux disponibbli, huwa mbagħad kien diga laħaq ikkuntatja lil żgħażagħ oħrajn. Il-Kunsill qabel li jmorru Shaun Azzopardi, Francesca Piscopo, Joseph Attard u Kylie Pace. Is-Sindku kompla li kkuntattja lil dawn iż-żgħażagħ u spjegalhom dan x'ifisser. Il-Viċi Sindku nnota li hu responsabbli mic-Charter u ser jipproponi numru ta' persuni għas-Sotto-Kumitat li ser ikun immexxi minnu. Il-Kunsill qabel li dawn ikunu Rita Mifsud Attard (segretarja), Lina Mifsud, Peter Muscat, Ines Buttigieg, Maria Natoli, Frankie Meilak, Maria Finger, Josef Camilleri u Paul Mercieca. Il-Kumitat taż-Żgħażagħ għandu jagħżel rappreżentant ieħor. Il-Viċi Sindku semma c-Charter 2018 fejn semma l-importanza li nsibu diversi sorsi ta' finanzjament.

## 9. Attivitajiet konnessi mal-Milied.

Is-Sindku nnota li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ħareġ skema għall-finanzjament tal-attivitjiet konnessi mal-Milied f'Diċembru 2015. Hu kompla li ser napplikaw fuq attivitajiet mifruxin fuq it-12 u t-13 ta' Diċembru; dawn jinkludu Christmas Market, attivitajiet għat-tfal u entertainment. Fl-applikazzjoni ser naħsbu wkoll ghall-kiri ta' tined. Il-Kunsill qabel li ma għandha ssir l-ebda attivita ta' dan it-tip jekk l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata minħabba ristrezzjonijiet finanzjarji.

## 10. Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Is-Sindku nnota li bħalissa l-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni kritika fejn tidħol amministrazzjoni. Hu kompla li Therese Finger ser tieqaf għall-aħħar ta' Settembru 2015 peress li ser issiefer għal żmien indefinit. Barra minn hekk ma jidhirx li l-applikazzjoni għal-pool ta' segretarji prospettivi ser toħrog fil-ġimgħat li ġejjin u għalhekk ippropona li tinħareg s-sejħa għal segretarju eżekuttiv. Is-Sindku kompla li ma jistax jibqa' jagħmel ħafna mid-dokumenti meħtieġa hu stess. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-mid-term audit pero dan mhux ser ikun hemm bżonnu għaliex il-proċess jieħu kważi sal-aħħar tas-sena finanzjarja. Il-Kunsill qabel li tinħareġ is-sejħa u għalhekk ser niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan. Is-Sindku nnota li rridu naħtru Bord tal-Għażla fl-eventwalita li jkun hemm applikanti.

## 11. Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

Is-Sindku nnota li Danica Cassar għalqet 18-il sena u allura rridu naħsbu għal persuna oħra. Is-Sindku stedinha biex tibqa tagħti l-kontribut tagħha fil-Kunsill taż-Żgħażagħ u f'fora oħra.

Danica Cassar irringrazzjat lil Kunsill li tagħha din l-opportunita u lis-Sindku tas-sehem attiv li tagħha fil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Il-Viċi Sindku talab li tingħata tifkira kemm lilha kif ukoll lill-ambaxxatur preċedenti Nicholas Haber. Dawn nistgħu nagħtuhomlhom waqt is-serata ta' Jum il-Kunsill. Josianne Cutajar staqsiet jekk hux ser noħorgu sejħa għall-ambaxxatur ġdid. Is-Sindku ippropona lil Brittany Attard ta' Triq Grunju biex tkun l-ambaxxatur il-ġdid bħala persuna li hija attiva ħafna fiċ-Ċentru Parrokjali, u anke diġa offriet għajnuna lil Kunsill fl-attivitajiet tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din in-nomina.

Il-Viċi Sindku rtira mill-laqgħa fis-7 p.m.

**12. Affarijiet Oħra.**

a) Il-Kunsill qabel li Marlene Muscat, Joseph Muscat, Raymond Vella u Dun Salv Pace jinghaqdu ma' Charles Xuereb, Anton Said u Peter Paul Buttigieg għall-bord tal-għażla ta' Ġieħ in-Nadur. L-applikazzjonijiet ser jagħlqu fit-30 ta' Settembru 2015. Issemma wkoll Mark Azzopardi biex jifforma parti mill-bord. Il-Kunsill għandu jikkollabora fil-Kunċert tal-banda li fih issir il-preżentazzjoni ta' Ġieħ in-Nadur.

b) Is-Sindku nnota li ser nibdew naħdmu fuq il-master plan tal-pjazza billi nintroduċu limitu ta' sewqan ta' 30 kilometru fis-siegħa.

c) Il-Kunsill qabel li naraw x'hemm bżonn isir biex titranġa parti minn Triq Arċipriet Saver Cassar faċċata ta' Triq Girgor Buttigieg li qegħda fi stat ħażin.

d) Dwar it-trasport tal-iskola bagħtna korrispondenza li Emanuel Sciberras li jieħu ħsieb it-trasport tat-tfal tal-iskola. Josianne Cutajar semmiet is-servizz tat-trasport tal-iskola ta' San Blas biex anke jghaddi minn hdejn il-kazin tal-banda lejn il-Pjazza . Ser nibghatu e-mail oħra b'din it-talba.

e) Josianne Cutajar staqsiet dwar patching fi Triq Wied Bingemma u s-Sindku qal li dan ser isir meta jkun possibbli.

f) Josianne Cutajar semmiet bozza fi Triq Daħlet Qorrot – talba ta' Fortun Bonello. Is-Sindku nnota li l-Inġinier ta' Galea Curmi, li ltaqa' mar-resident, kellem lis-Sindku dwar problemi tekniċi u anke dwar precedent li jista' jinħoloq li iwassal għal nefqa kbira, u għalhekk ġie deċiż li din ser inħalluha pendenti għalissa.

g) Rita Mifsud semmiet kurduna ta' Paul Portelli ta' Triq San Blas u s-Sindku ser jiċċekkja dwarha ħalli tkun tista' ssir.

**13. Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru, 2015, fis-6 pm.

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 11/08/15 - 08/09/15**

| Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mayor | €440.36 | €440.36 | D | Mayor's Allowance - August | 28/08/15 | | 14090 |
| Clerk | €961.25 | €961.25 | D | Clerk Scale 15 | 28/08/15 | | 14091 |
| Therese Finger | €661.29 | €661.29 | D | Clerical Services - August | 01/09/15 | | 14092 |
| CIR | €1,138.19 | €1,138.19 | D | August | 02/09/15 | | 14093 |
| Employee Scale 14 | €1,450.39 | €1,450.39 | D | Salary - August | 02/09/15 | | 14094 |
| Agent Segretgarju Ezekuttiv | €925.36 | €925.36 | D | Salary - August | 02/09/15 | | 14095 |
| Nadur Local Council | €100.00 | €100.00 | D | Transfer M413.4 | 05/09/15 | | 14096 |
| Joseph Magro | €285.86 | €285.86 | T | Bulky refuse - July | 31/07/15 | 14050 | 14097 |
| Joseph Magro | €399.75 | €399.75 | T | Bulky Refuse - August | 31/08/15 | 14051 | 14098 |
| D.O.I. | €9.32 | €9.32 | D | Advert | 09/15/15 | | 14099 |
| Salvu Meilak | €185.25 | €185.25 | T | Cleaning of Public Convenience - North Street | 07/09/15 | 8664066 | 14100 |
| High end | €177.00 | €177.00 | K | Sound system | 26/06/15 | 6 | 14101 |
| Pjazzetta Hardware Store | €885.00 | €885.00 | D | Hardware goods | 31/05/15 | 20731/20785/20786/20832/20925/20926/21051 | 14102 |
| Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | T | Gnien il-Kunsill | 02/09/15 | 89 | 14103 |
| Joseph cauchi | €211.00 | €211.00 | T | Gnien il-Kunsill | 31/08/15 | 91 | 14104 |
| Joseph Cauchi | €211.00 | €211.00 | T | Gnien il-Kunsill | 02/09/15 | 90 | 14105 |
| Anthony Azzopardi | €80.00 | €80.00 | D | | 31/08/15 | | 14106 |
| Pierre Zammit | €200.00 | €200.00 | D | Wine Festival Entertainment | 01/09/15 | 11578749 | 14107 |
| ProStage | €1,500.00 | €1,500.00 | K | Wine Festival PAa.System | 30/08/15 | 1441 | 14108 |
| Commissioner of Police | €311.23 | €311.23 | D | Wine Festival | 31/08/15 | 40497 | 14109 |
| **Total** | **€10,343.25** | **€10,343.25** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 7

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: 11/08/15 - 08/09/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | D | Fuel allowance | 31/08/15 | | 14110 |
| 22 | Joseph Azzopardi | €250.00 | €250.00 | D | Wine Festival - Musical services | 28/08/15 | | 14111 |
| 23 | Joseph Azzopardi | €400.00 | €400.00 | D | Wine Festival - Musical services | 28/08/15 | | 14112 |
| 24 | J.Buhagiar | €76.80 | €76.80 | D | Gozo Channel Tickets | 30/08/15 | 12065788 | 14113 |
| 25 | Peter Paul Said | €1,680.00 | €1,680.00 | T | Skips- July | 31/08/15 | 4340 | 14114 |
| 26 | Peter Paul Said | €1,680.00 | €1,680.00 | T | Skips - August | 31/08/15 | 19-Nov | 14115 |
| 27 | The Travellers | €500.00 | €500.00 | D | Wine Festival - Band Performance | 30/08/15 | 4 | 14116 |
| 28 | R.A.& Sons Ltd. | €165.70 | €165.70 | D | Tiles | 18/08/15 | 16-Aug | 14117 |
| 29 | R.A.& Sons Man. Ltd. | €57.58 | €57.58 | D | Kurduna | 18/08/15 | 18178 | 14118 |
| 30 | John Ivan Xuereb | €1,066.23 | €1,066.23 | T | General hand - August | 31/08/15 | 19417 | 14119 |
| 31 | ARMS Ltd. | €120.33 | €120.33 | D | Electricity Bill | 12/09/15 | 20920695 | 14120 |
| 32 | ARMS Ltd. | €142.47 | €142.47 | D | Electricity Bill | 04/09/15 | 20876273 | 14121 |
| 33 | ARMS Ltd. | €566.15 | €566.15 | D | Electricity Bill | 04/09/15 | 20872771 | 14122 |
| 34 | BDL Ltd. | €205.20 | €205.20 | D | Books | 01/08/15 | 257583 | 14123 |
| 35 | Central Power Installation Ltd. | €35.40 | €35.40 | D | Battery | 29/07/15 | 1376 | 14124 |
| 36 | Ozone Ltd. | €56.11 | €56.11 | D | Telephone bill | 31/08/15 | 113331 | 14125 |
| 37 | Security First Services Ltd. | €1,019.52 | €1,019.52 | D | Wine Festival | 04/09/15 | 28/2015 | 14126 |
| 38 | GO Plc | €57.54 | €57.54 | D | Telephone bill | 07/09/15 | 45136130 | 14127 |
| 39 | Go Plc | €41.83 | €41.83 | D | Telephone bill | 07/09/15 | 45142964 | 14128 |
| 40 | KIP | €3,591.00 | €3,591.00 | T | Refuse Collection - August | 31/08/15 | 19745 | 14129 |
| | **Sub total** | **€11,816.86** | **€11,816.86** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€10,343.25** | **€10,343.25** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€22,160.11** | **€22,160.11** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Minuti 28

Skeda Numru 7

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | €96.62 | €96.62 | T | ContraCT Manager Fee | 15/08/15 | Aug-09 | 14130 |
| 42 | Pierre Vella | €20.00 | €20.00 | D | Sign | 31/08/15 | 15006 | 14131 |
| 43 | Josephne Farrugia | €100.00 | €100.00 | D | Wine Festival Line dancing | 02/09/15 | 12 | 14132 |
| 44 | Francesca Zarb | €125.00 | €125.00 | D | Wine Festival Compere | 28/08/15 | 001/2015 | 14133 |
| 45 | Michael Refalo | €120.00 | €120.00 | D | Cleaning of cesspit inn Dahlet Qorrot | 24/08/15 | 3238 | 14134 |
| 46 | Sportsmania | €200.00 | €200.00 | D | Footballs | 10/07/15 | 119 | 14135 |
| 47 | Danny Magro | €350.00 | €350.00 | D | Wine Festival performance | 01/09/15 | 2 | 14136 |
| 48 | Chris Paul Cardona | €174.50 | €174.50 | D | Sweeping of San Blas Area | 09/09/15 | 37 | 14137 |
| 49 | Climaserv | €16.52 | €16.52 | D | AC maintenance | 07/09/15 | 1825 | 14138 |
| 50 | Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | D | Opening of Public Convenience at Dahlet Qorrot | 09/09/15 | 53 | 14139 |
| 51 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | D | San Blas and Tal Hali Cleaning - August | 30/08/15 | 76 | 14140 |
| 52 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | D | Cleaning of kenuna Garden | 31/07/15 | 77 | 14141 |
| 53 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | D | San Blas and Tal Hali Cleaning - July | 31/07/15 | 74 | 14142 |
| 54 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | D | Cleaning of kenuna Garden | 31/07/15 | 75 | 14143 |
| 55 | Marvin Camilleri | €161.50 | €161.50 | D | San Blas and Tal Hali Cleaning - June | 30/06/15 | 73 | 14144 |
| 56 | Josef Camilleri | €104.50 | €104.50 | D | Cleaning of kenuna Garden | 30/06/15 | 72 | 14145 |
| 57 | Mary Attard | €111.69 | €111.69 | D | Librarian August | 31/08/15 | | 14146 |
| 58 | Dolphin Pools | €60.00 | €60.00 | D | Liquid Acid | 17/06/15 | 16998 | 14147 |
| 59 | WasteServ | €2,286.84 | €2,286.84 | D | Jun-15 | 31/07/15 | 59369 | 14148 |
| 60 | WasteServ | €2,353.86 | €2,353.86 | D | 01/07/2015 | 31/07/15 | 59384 | 14149 |
| | **Sub total** | **€6,931.78** | **€6,931.78** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€22,160.11** | **€22,160.11** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€29,091.89** | **€29,091.89** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 7**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Matthew Xuereb | €173.40 | €173.40 | D | | August | 31/08/15 | | 14150 |
| | Marthese Caruana | €163.06 | €163.06 | D | | Cleaner _ July - August | 31/08/15 | | 14151 |
| | George Grech | €365.00 | €365.00 | D | | Maintenance at San Blas | 09/08/15 | 49 | 14152 |
| | Smart Office Supplies | €22.07 | €22.07 | D | | Stationery | 03/08/15 | 25939 | 14153 |
| | Inserv | €58.08 | €58.08 | D | | Transparent Garbage Bags | 18/08/15 | 288050 | 14154 |
| | Peter Camilleri | €182.72 | €182.72 | D | | Temporary electricity meter application | 30/08/15 | 301463743 | 14155 |
| | Angelo Bonello | €310.00 | €310.00 | D | | Yoga and Pilates | 01/09/15 | | 14156 |
| | Robert Grech | €1,626.67 | €1,626.67 | D | | Architect and Project Management Fees | 30/07/15 | 236/1074-16 | 14157 |
| | Gatt Tarmac | €513.58 | €513.58 | D | | Supply of Cold Asphalt | 29/07/15 | 1541 | 14158 |
| | Joseph Buttigieg | €88.50 | €88.50 | D | | Xibka Hadra | 25/06/15 | 6 | 14159 |
| | Pierre Vella | €40.00 | €40.00 | D | | Sign | 12/08/15 | 15005 | 14160 |
| | Joseph Caruana Co.Ltd. | €124.00 | €124.00 | D | | Pipes | 17/09/15 | 1186 | 14161 |
| | Anthony Magro | €86.70 | €86.70 | D | | August | 31/08/15 | | 14162 |
| | The Guard & Warden Service House | €259.92 | €259.92 | D | | Traffic management service | 31/08/15 | GS002422 | 14163 |
| | Nadur Local Council | 98.13 | 98.13 | D | | Petty Cash | 17/09/2015 | | 14164 |
| | Salvu Meilak | 9.75 | 9.75 | D | | Public Copnvenience - August adjustment | 31/08/2015 | | 14165 |
| | Cassar Service Station | €747.00 | €747.00 | D | | Fuel | 22/09/15 | | 14166 |
| | Edward Said | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14167 |
| 79 | Eucharist Camilleri | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14168 |
| 80 | Rita Mifsud attard | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14169 |
| | **Sub total** | **€5,717.58** | **€5,717.58** | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€29,091.89** | **€29,091.89** | | | | | | |
| | **Total** | **€34,809.47** | **€34,809.47** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 7**

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 7**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Peter Muscat | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14170 |
| 82 | Paul Mercieca | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14171 |
| 83 | Josef Camilleri | €283.00 | €283.00 | D | | Reimbursement | 22/09/15 | | 14172 |
| 84 | Mayor | €440.36 | €440.36 | D | | Mayor's Allowance September | 24/09/15 | | 14173 |
| 85 | Clerk Scale 15 | €1,090.73 | €1,090.73 | D | | Salary September | 24/09/15 | | 14174 |
| 86 | Employee Scale 14 | €1,215.12 | €1,215.12 | D | | Salary September | 24/09/15 | | 14175 |
| 87 | Rebecca Bonello | €25.00 | €25.00 | D | | Wine Festival Performance | 28/09/15 | | 14176 |
| 88 | Kelly Cassar | €40.00 | €40.00 | D | | Wine Festival Performance | 28/09/15 | | 14177 |
| 89 | Jolene Samhan | €25.00 | €25.00 | D | | Wine Festival Performance | 28/09/15 | | 14178 |
| 90 | Joseph refalo | €40.00 | €40.00 | D | | Wine Festival Performance | 28/09/15 | | 14179 |
| 91 | Elaine Haber | €25.00 | €25.00 | D | | Wine Festival Performance | 28/09/15 | | 14180 |
| 92 | Therese Finger | €704.06 | €704.06 | D | | Clerical services - September | 30/09/15 | | 14181 |
| 93 | Maggie Debono | €180.00 | €180.00 | D | | Summer Courses | 02/10/15 | | 14182 |
| 94 | Josephine Sammut | €180.00 | €180.00 | D | | Summer Courses | 02/10/15 | | 14183 |
| 95 | Mary Portelli | €180.00 | €180.00 | D | | Summer Courses | 02/10/15 | | 14184 |
| 96 | Peter Paul | €30.00 | €30.00 | D | | Wine Festival - Cleaning | 02/10/15 | | 14185 |
| 97 | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,024.27** | **€5,024.27** | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€34,809.47** | **€34,809.47** | | | | | | |
| | **Total** | **€39,833.74** | **€39,833.74** | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Minuti 28